



Brussell, 16 ta' April 2018
(OR. en)

8003/18

EF 111
ECOFIN 320
UEM 108

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2017 "Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma fuq kompitu diffikultuż relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir", u dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2018 "L-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE". - konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' April 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2017 "Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma fuq kompitu diffikultuż relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir", u dwar ir-Rapport Speċjali Nru 2/2018 "L-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE", adottati mill-Kunsill fit-3611-il laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' April 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

ir-Rapport Speċjali Nru 23/2017 "Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma fuq kompitu diffikultuż relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 23/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni: Bdiet il-ħidma fuq kompitu diffikultuż relatat mal-Unjoni Bankarja, iżda għad hemm ħafna xi jsir";
2. JENFASIZZA r-rwol tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), flimkien mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, fil-qafas tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) bħala element essenzjali tal-Unjoni Bankarja;
3. JIRRIKONOXXI l-ħidma konsiderevoli mwettqa mill-SRB, fi skeda ta' żmien diffiċli ferm, fil-ħolqien tal-qafas tal-SRM, sabiex jiġi minimizzat l-impatt u l-konsegwenzi negattivi ta' fallimenti bankarji destabbilizzanti u ta' tfixkil, bil-ħsieb li jiġu limitati l-ispejjeż fiskali u tissaħħaħ l-istabilità finanzjarja;
4. JILQA' l-kooperazzjoni tajba li kien hemm bejn l-SRB u l-Qorti. Madankollu, JIEĦU NOTA li minkejja li ma nġhatatx id-dokumentazzjoni kollha, il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet evidenzjati sew, għalkemm f'xi oqsma dan wassal għal limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni;

5. JISSOTTOLINJA li l-kompitu tal-ħolqien u t-tħaddim tal-SRB għadu joħloq sfida sinifikanti ħafna, kif enfasizzat fir-Rapport Speċjali tal-Qorti, b'mod partikolari, f'oqsma relatati mar-riżorsi umani, it-tnejn u l-prijoritizzazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni, it-tnejn u l-prijoritizzazzjoni tal-pjan ta' riżoluzzjoni, l-istabbiliment ta' regoli u gwida għal riżoluzzjoni, il-qsim tal-kompiti u r-responsabbiltajiet ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti, il-qafas ta' kooperazzjoni mal-BĊE u l-qafas leġislattiv; u JISSOTTOLINJA l-importanza li l-SRB jlesti l-ippjanar tar-riżoluzzjoni għall-banek taħt ir-responsabbiltà tiegħu u jiffinalizza s-sistema ta' regoli tiegħu għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni, il-manwal u l-gwida għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni;
6. JENFASIZZA r-responsabbiltà tal-SRB għal funzjonament effettiv u konsistenti tal-SRM, fejn hemm ħtieġa ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-SRB, l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, il-BĊE, il-Kummissjoni u l-Kunsill; f'dan il-kuntest JISĦAQ, b'mod partikolari, dwar il-ħtieġa li titkompla l-ħidma li għaddejja għat-titjib rilevanti fid-disponibbiltà u l-fluss ta' informazzjoni mal-BĊE, fil-qafas tal-memorandum ta' qbil stabbilit bejn l-SRB u l-BĊE fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni;
7. JILQA' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' skambju f'waqt u effettiv ta' informazzjoni bejn tal-SRB, il-Kummissjoni u l-Kunsill, sabiex titkompla l-kooperazzjoni kostruttiva u l-istituzzjonijiet korrispondenti jkunu jistgħu iwettqu l-mandati tagħhom fil-kuntest tal-SRM;
8. JIEĦU NOTA tat-tweġiba tal-SRB għas-sejbiet tal-Qorti ppreżentati fir-Rapport Speċjali. JILQA' l-fatt li l-SRB aċċetta l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u ddikjara li kien diġà ħa passi sinifikanti biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti; u JISTIEDEN lill-SRB japplikahom u jirrapporta perjodikament lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tagħhom;
9. JISTIEDEN lill-SRB biex fir-rapport annwali tiegħu jippreżenta l-passi konkreti li jkun ħa jew ikun ser jieħu biex jimplimenta r-rakkomandazzjoni stipulata fir-Rapport Speċjali Nru. 23/2017 tal-Qorti .

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

Rapport Speċjali Nru 2/2018 "L-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 2/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-effiċjenza operazzjonali tal-ġestjoni ta' kriżijiet bankarji mill-BĊE";
2. JENFASIZZA li l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) huwa element essenzjali tal-Unjoni Bankarja, inkluż il-qafas tal-immaniġġjar tal-kriżijiet bankarji;
3. JIEĦU NOTA tar-risposti tal-BĊE għas-sejbiet tal-Qorti kif jinsabu fir-Rapport Speċjali, kif ukoll tal-grad ta' kooperazzjoni b'mod ġenerali sodisfaċenti li l-BĊE ta lill-Qorti; madankollu, JIDDISPJAĊIH min-nuqqas ta' ftehim tagħhom dwar il-kwistjoni ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li l-Qorti qieset bħala meħtieġa biex tivvaluta l-effiċjenza operattiva tal-ġestjoni tal-kriżijiet tal-BĊE, fil-funzjoni superviżorja tiegħu;
4. JISĦAQ FUQ l-importanza li l-Qorti tal-Awdituri tingħata aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha neċessarji sabiex twettaq il-kompiti tagħha, fl-interess li jiġi żgurat livell adegwat ta' obbligu ta' rendikont mill-BĊE;
5. JENFASIZZA li l-BĊE huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-MSU, u JIRRIKONOXXI li l-arranġamenti implimentati għal skopijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet bankarji rriżultaw li kienu effettivi u għandhom jibqgħu fil-forma attwali tagħhom. Minkejja dan, JIRRIKONOXXI li, fid-dawl tas-sejbiet tal-Qorti, il-BĊE għandu jagħmel aktar biex itejjeb dawk l-arranġamenti;

6. JIEĦU NOTA, b'mod partikolari, tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti biex il-BĊE itejjeb il-kooperazzjoni ma' atturi esterni u l-gwida u l-ġestjoni interna tiegħu ta' ċerti elementi ewlenin u kwistjonijiet speċifiċi oħra b'rabta mal-ippjanar tal-irkupru, l-identifikazzjoni tal-kriżijiet u r-reazzjoni għall-kriżijiet;
 7. JILQA' l-fatt li l-BĊE jaċċetta l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti; u JISTIENEN lill-BĊE japplikahom u jirrapporta perjodikament lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tagħhom;
 8. Għal dan l-għan, JISTIENEN lill-BĊE biex fir-rapport annwali tiegħu jippreżenta l-passi konkreti li jkun ħa jew ikun ser jieħu biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet stipulati fir-Rapport Speċjali Nru. 2/2018 tal-Qorti .
-